MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 577/2002/1

**Christopher Sare` u martu Mary Sare`**

**vs**

**Regina Auto Dealer Ltd**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Dicembru, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat l-avvizipprezentat mill-attur fil-25 ta' Settembru 2002 fejn talab lil din il-Qorti ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-atturi dik il-parti mill-prezz tal-vettura tat-tip Tata Sierra numru DAH 458 u jigu mhassra u kancellati kwalunkwe kambjali pendenti u dovuti fuq l-istess parti mill-prezz, liema parti ghandha tigi stabbilita

mill-Qorti bl-ghajnuna ta’ perit nominat, stante li l-atturi xtraw minghand is-socjeta’ konvenuta l-imsemmija vettura f’Marzu 2002 ghall-prezz ta’ tlett elef lira Maltin (Lm3,000) u irrizulta li l-istess vettura kienet affetta minn difett latenti illi jaghmilha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba jew li jnaqqas daqshekk il-valur taghha li x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar li kieku kien jaf bih, prevja dikjarazzjoni li l-vettura inxtrat b’tali difett latenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra s-socjeta’ konvenuta li r-rapprezentanti taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Regina Auto Dealer Limited fejn eccepiet:

Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma improponibbli u dan peress illi l-vettura in kwistjoni ma gietx iddepozitata lura ghand is-socjeta’ konvenuta;
Illi l-vettura tat-tip Tata Sierra targata DAH 458 m’ghanhda ebda difetti latenti;
Illi bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ konvenuta gja kienet ftehmet ma’ l-atturi u taw wara l-istess bejgh, is-somma ta’ mitejn lira Maltin (Lm200) lill-atturi, liema somma giet accettata mill-istess atturi u dan a saldu ta’ kull pretensjoni li l-atturi kellhom jew setghu kellhom fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta;
Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi;
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tas-7 ta’ Novembru 2002, fejn innominat lil Philip Zammit bhala tekniku, sabiex jirrelata dwar it-talbiet ta’ l-attur wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta;

Rat ir-revoka ta’ l-istess digriet fil-31 ta’ Mejju, 2004 wara li rrizulta li fil-mori ta’ din il-kawza u cioe’ fis-7 ta’ Frar 2004, il-vettura in kwistjoni giet mahkuma minn nar li ddistruggiha kompletament [ara verbal 16 ta’ Gunju 2004].

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Permezz ta’ ftehim milhuq fit-28 ta’ Marzu 2002 [fol. 36], l-attur xtara minghand is-socjeta’ konvenuta vettura ta’ l-ghamla Tata Sierra bin-numru tar-registrazzjoni DAH 458 ghall-valur ta’ tlett elef lira Maltin (Lm3,000). Minn din ic-cifra l-attur hallas elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) u l-bilanc ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) kellu jithallas permezz ta’ kambjali ta’ hamsa u tletin (Lm35) lira Maltin il-wahda. Lahaq hallas pagament wiehed u fadal bilanc dovut lis-socjeta’ konvenuta fis-somma ta’ erba’ mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm465).

Xi gimghatejn wara illi hareg il-vettura, gratilha hsara fil-*gasket* tas-*cylinder head*, izda s-socjeta’ konvenuta rrifjutat li tassumi r-responsabbilita’ u minflok irrakkomandaw mekkanik illi seta’ jsewwi l-hsara. Meta x-xoghol kien lest, is-socjeta’ konvenuta hallset l-ispejjez tal-*gasket* u l-*facing* tas-*cylinder head* u l-attur hallas il-bilanc ta’ sittin lira Maltin (Lm60).

Xi hmistax-il gurnata wara pero’, din il-hsara regghet immanifestat ruhha. L-attur rega’ mar ghand is-socjeta’ konvenuta u d-direttur, John Cutajar, tah mitejn lira Maltin (Lmn200) biex isewwi l-makna. Skond l-attur dawn il-mitejn lira Maltin (Lm200) taghhomlu fuq “take it or leave it basis”. U l-attur hadhom [fol. 26].

L-attur ha l-vettura ghand l-agent tat-Tata u sabu li l-*gasket* ma kienx wiehed originali u halla xi marki fuq il-*face* tas-*cylinder head* u l-blokka. Il-vettura giet imsewwija minghajr ebda garanzija u wara sitt xhur regghet tajret il-*gasket* u din id-darba l-attur hadha ghand mekkanik iehor Wied il-Ghajn illi ghamel it-tiswijiet illi kien hemm bzonn u l-karozza baqa' juzha b'mod regolari ghal xi zmien [fol. 26].

L-attur ilmenta minn hsara ohra fil-*power steering*, li ma kinitx izzomm iz-zejt u xi hsara fl-elekkriku fejn il-dawl kien jixghel u jintefgha minghajr kontroll. Wara xi zmien juza dil il-vettura, f'din il-kondizzjoni, fis-7 ta' Frar 2004 hadet in-nar u giet distrutta kompletament.

L-attur ghamel talba lill-kumpanija assikuratrici skond il-polza li kellu u gie risarcit fis-somma ta' elfejn u disa' mitt lira Maltin (Lm2,900).

Fil-kontro ezami tieghu [fol. 34] l-attur jghid illi ma kienx jaf xi tfisser il-kelma 'tale quale', pero', " … il-vettura xtrajtha kif inhi." Lanqas ma kien jaf xi tfisser il-kelma 'ghas-saldu', pero' meta John Cutajar offrilu s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) sabiex isewwi l-magna, dawn hadhom.

Ikkunsidrat:

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkonsidra l-meritu, trid tiddisponi mill-ewwel eccezzjoni moghtija mis-socjeta' konvenuta, dik li l-vettura ma gietx iddepozitata. Din l-eccezzjoni inghatat peress illi huwa ben saput illi meta konsumatur ikollu xi lment fuq oggett, illi ma jkunx tal-kwalita' patwita, ghandu jew joffriha lura lill-bejjiegh u jekk dan jirrifjuta, jiddepozitah l-Qorti. Din il-modalita' ta' azzjoni pero', tappartjeni lix-xerrej meta jkun irid jannulla l-bejgh permezz ta' l-*actio redibitoria*. L-azzjoni maghzula mill-attur f'din l-istanza hija dik stimatorja u cioe' qieghed jaghzel illi jzomm l-

oggett, pero' jnaqqas il-prezz tal-bejgh taghha minhabba difett latenti.

Ghalhekk, il-Qorti ma jidhrilix illi s-socjeta' konvenuta ghandha ragun meta hija qeda tinsisti fuq id-depozitu tal-vettura, liema depozitu fl-azzjoni ntestata mill-attur, mihjiex mehtiega.

Rigward it-tieni eccezzjoni, dik illi ma kellhiex difetti, irrizulta illi ftit wara li l-attur hareg il-vettura mill-pussess tas-socjeta' konvenuta, gratilha hsara fil-magna, fejn kellhom isiru diversi nterventi. Jidher illi parti minn dawn l-interventi gew imhallsa mill-attur u parti gew imhallsa mis-socjeta' konvenuta. Zgur illi din l-ahhar socjeta' hallset lill-ewwel mekkanik ghal xi *parts* illi seta' xtara, u hallset ukoll lill-attur mitejn lira Maltin sabiex jaghmel tiswijiet aktar profondi sabiex jirrimedja darba ghal dejjem il-hsara illi kien hemm fil-magna. Huwa veru, li l-qlugh tas-*cylinder head* filwaqt li mhijiex xi haga straordinarja, lanqas ma hi xi haga ta' rutina u filwaqt li tista titqies bhala hsara serja, izda mhux daqshekk serja li ma tistax tissewwa jew inkella li l-magna ma tergax tigi tiffunzjona tajjeb bhalma suppost tiffunzjona.

L-attur jghid illi ma jafx xi tfisser 'tale quale' pero', il-vettura xratha kif inhi. Skond l-iskrittura tal-bejgh, fol. 36, il-vettura kienet qed tinbiegh 'tale quale'. B'daqshekk ma jfissirx li d-drittijiet stautorji ta' l-attur ghandhom jigu mwarrba b'din id-dikjarazzjoni. Min ibiegh proprjeta' jaghti garanzija ghal difetti mohbija. Jekk jirrizultaw difetti serji tant li jnaqqsu l-valur tal-prorprjeta', ix-xerrej ghandu dritt jitlob li jinghata lura bicca mill-prezz minnu mhallas ghall-akkwist. Dan l-obbligu jibqa haj anki jekk tintuza l-kelma 'tale quale' fil-kuntratt ta' l-akkwist. Dan qalitu l-Prim 'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Ottubru 1998 fil-kawza fl-ismijiet Mario Debono Et vs Anthony Portelli Et [ara wkoll PA Benny Muscat vs Joe Cauchi deciza fil-31 ta' jannar 2003]

Ghalhekk l-attur ghandu dritt jitlob ghar-rifuzjoni ta' parti mill-prezz jekk verament jirrizulta illi l-vettura kienet manifesta minn difett latenti. Fil-kawza George Portelli vs Vittoria Grima [Vol. XLI P1 p 341) il-Qorti qalet, " Meta tintalab ir-rizoluzzjoni tal-bejgh ta' haga mobbli, fuq il-motiv li l-oggett konsenjat lix-xerrej mhux tajjeb u mhux skond il-ftehim, l-azzjoni ezercitata mill-attur mhijiex dik redibitorja, li hi fondata fuq il-vizzji li jirrendu kull oggett mhux tajjeb ghall-uzu tieghu, imma dik ex-contractu, li hi fondata fuq il-konsenja da parti tal-venditur ta' haga li ma tikkorrispondix mall-ftehim. Jekk il-bejgh kien ta' oggett mhux gdid imma seconda man, fin-nuqqas ta' provi sufficjenti jekk l-oggett kienx tajjeb jew le fil-mument tal-konsenja, wiehed ghandu jimxi fuq dak li kien verosimilment l-intenzjoni tal-partijiet fil-mument tal-ftehim; u hu ghalhekk gust u logiku li jinghad li, meta l-oggett gie kwalifikat bhala 'tajjeb', dik il-kelma fl-intendiment tal-kontraenti, hu skond il-logika guridika, kellha u ghandha tiftiehem fis-sens li l-oggett kelu jkun tajjeb 'sa fejn jista jkun tajjeb oggett seconda man bil-prezz li jkun inxtrara.' "

F'dan il-kaz, il-vettura nxtrat bil-prezz ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000), izda ma rrizultax f'liema kondizzjoni kienet fil-mument tal-bejgh. Is-somma mitluba u imhallsa mhijiex xi somma zghira ghall-mudell tal-vettura in kwistjoni u dak il-prezz kellu jirrifletti vettura f'kondizzjoni ragunevolment tajba. Din il-kondizzjoni ma kinitx timporta hsara fis-*cylinder head* b'tali mod illi kellhom riparazzjonijiet magguri fil-magna, liema riparazzjonijiet ghandhom jitqiesu bhala gravi.

L-awtur Talja Cuturi fil-ktieb tieghu "Della vedita, della cessione e della permuta" [Torino 1915 p 398] jghallem illi, "Non qualunqe difetto puo determinare l-azzione in garanzia; si deve trattare di un difetto grave, ed il criterio che deve seguire il giudice nel suo gudizio e dato dall'Articolo 1598

dell Codice Civile; sono gravi i vizii o difetti occulti che rendono la cosa non atta al uso cui e' destinata, o che ne diminiscono l'uso il modo che se il compratore gli avesse conosciuti, o non l'avrebbe comprato o avrebbe offerto un prezzo minore. Sequendo questi criteri il giudizio del magistrato e' incensurabile in cassazione."

Ma hemmx dubju, illi kieku l-attur kien jaf illi kien hemm hsara fil-magna b'tali mod li jkun hemm bzonn tinqala' s-*cylinder head*, u jsiru xogholijiet estensivi, zgur ma kienx joffri dik ic-cifra ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) jew almenu kien joffri somma anqas sabiex huwa jaghmel tajjeb ghall-hsarat illi kien bi hsiebu jsewwi. Il-fatt illi xi snin wara fl-2004, il-vettura nharqet totalment u giet distrutta, m'ghandux ikollu effett fuq l-intenzjoni tal-partijiet illi kellhom dakinhar illi gie kuntrattat il-bejgh. Jidher illi tali hruq irrizulta kawza ta' negligenza ta' l-istess attur, illi kien jaf li kien hemm xi haga hazina fis-sistema ta' l-eletriku meta dawn bdew jixghelu u jintfew minghajr kontroll u ma dan kollu ghazel li ma jaghmel xejn. Dan l-ahhar difett zgur m'gahndux ikun attribwibbli ghal xi nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta jew inkella ghal xi kondizzjoni li kienet tezisti dakinhar tal-bejgh. Pero' l-hsara fil-magna zgur illi kienet kondizzjoni ezistenti dahinhar tal-bejgh u kienet hsara estensiva illi kienet teffettwa drastikament il-valur tal-vettura.

Il-Qorti ghalhekk, sejra tnaqqas *arbitrio bono viri*, l-ammont ta' flus illi jidhrilha illi jkopri l-hsara ezistenti u jirrifletti ahjar il-valur tal-vettura. Tirrleva, illi l-Qorti m'ghandhiex informazzjoni dwar is-sena ta' manifattura u lanqas tal-kilometragg tal-vettura illi jistghu jaffettwaw il-valur ta' l-istess. Pero', assumendo li l-vettura kienet ilha xi snin fuq it-triq, u bid-difett illi kellha, ma kellhiex tiswa' aktar minn elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2,200). Minn din ic-cifra l-attur hallas elfejn hames mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm2,535) u ghalhekk, is-

socjeta' konvenuta trid thallsu lura l-ammont ta' tliet mija u hamsa u tletin lira (Lm335). Minn din ic-cifra gia thallset l-ammont ta' mitejn lira (Lm200) ghal tiswija tal-magna, li jgib bilanc favur l-attur fis-somma ta' mija u hamsa u tletin lira (Lm135).

Il-Qorti jidhrilha illi l-fatt illi sentejn wara l-attur ircieva minghand il-kumpanija assikuratrici s-somma ta' elfejn u disa' mitt lira m'ghandhiex tinfluwixxi fuq din id-decizjoni peress illi l-fattur determinanti fl-ghoti ta' dawn id-danni hija l-kondizzjoni tal-vettura fil-mument tal-bejgh u mhux sentejn wara. Kif irrizulta mill-provi, f'dak il-perjodu li l-vettura damet ghand l-attur, ghamillha diversi tiswijiet, almenu fil-magna biex tigi tiffunzjona tajjeb. Il-fatt illi sussegwentement wera certa traskuragni fil-manteniment taghha li wassal ghall hruq, m'ghandhiex taffettwa r-relazzjoni guridika bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta, imma biss dik bejn l-attur u kumpanija assikuratrici tieghu.

Din l-ahhar kumpanija m'hijiex qeda fil-kawza u l-Qorti ma tistax tiehu provedimenti fil-konfront taghha. Ghalhekk, jibqa' biss il-kwistjoni bejn il-partijiet u l-valur tal-vettura fil-mument tal-bejgh taghha.

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur, tiddikjara illi l-vettura Tata Sierra bin-numru tar-registrazzjoni DAH 458, mibjugha mis-socjeta' konvenuta fit-28 ta' Marzu 2002 bil-prezz ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) kienet affetta minn difett latenti li jnaqqas il-valur taghha u tiffissa dan il-valur fis-somma ta' elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2,200) u filwaqt illi thassar u tikkancella kwalunkwe kambjala pendenti u dovuti fuq l-istess att ta' bejgh, tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lill-attur is-somma ta' mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm135) bilanc tad-differenza fil-prezz

> tenut kont il-kondizzjoni tal-vettura fil-mument tal-bejgh.
>
> Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz, kontra s-socjeta' konvenuta."

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza ghax hassitha aggravata biha. Minn dak li tista' tifhem din il-Qorti l-ilmenti taghha huma koncepiti f' dan is-sens. L-atturi ma sofrew ebda telf stante li l-pretensjoni taghhom ma kellhiex tigi konsiderata mal-mument tal-bejgh biss imma wkoll fl-ambitu ta' l-indenniz percepit minnhom minghand l-assigurazzjoni taghhom, konsegwenti ghad-distruzzjoni tal-vettura fl-incendju;

Hu mill-ewwel evidenti illi s-socjeta` konvenuta qed tikkonfondi flimkien iz-zewg kuntratti separati. Jigifieri dak tal-komprovendita tal-vettura konkjuz bejnha u l-atturi u dak ta' l-assigurazzjoni tal-vettura mill-atturi ghal liema hi ma kienetx parti kontraenti. Zewg kuntratti dawn li huma dixxiplinati b' regoli pekuljari ghalihom u jipproducu effetti legali diversi. Ta' l-ewwel, dik ta' l-effett traslativ tal-proprjeta` tal-haga, appena jkun hemm il-kunsens fuq il-haga u l-prezz taghha. Tat-tieni, dik fejn l-assigurazzjoni tintrabat li taghmel tajjeb, fil-limiti appattwiti, ghad-danni li ssofri l-haga assigurata;

L-azzjoni impustata hi tipika ghal kuntratt ta' bejgh fejn l-atturi xerrejja qed jippretendu li l-vettura komprata minghand is-socjeta` appellanti kienet affetta minn vizzju mohbi, u la dan il-vizzju gabilhom diminuzzjoni fl-uzu tal-vettura qed jitolbu r-rifuzjoni ta' parti mill-prezz imhallas ghaliha. Kif drabi ohra espress, "il-konvenut ma jistax jindahal lix-xerrej fl-ghazla ta' l-azzjoni li jezercita, salv dejjem il-kwestjoni jekk ikunux jirrikorru r-rekwiziti mehtiega skond il-ligi" (**Kollez. Vol. XLI P II p 1198**);

Hu obbligu dixxiplinat mill-Kodici Civili, ex-Artikolu 1378, illi l-venditur ghandu jiggarantixxi l-haga mibjugha. Implicitament, hu obbligat li jikkonsenja haga mhix vizzjata inkella jkollu jissubixxi l-konsegwenzi ta' l-azzjoni esperita mix-xerrej, sija jekk din tkun dik redibitorja jew estimatorja. Il-fatt li l-bejgh ikun bil-patt *tale quale* lanqas ma jiskansah minn dawn il-konsegwenzi ghall-vizzji okkulti fil-haga. Ara **Kollez. Vol. XV p 317** u **Vol. XXII P I p 309**. Dan ghaliex anke fil-presenza ta' patt bhal dan ma jistax jinghad illi x-xerrej intenda u ried jezimi lil venditur minn dak l-obbligu tieghu tal-garanzija *ex jure*. Ara "**Gerald Mercieca *et* -vs- Emmanuele Zammit**", Appell Kummercjali, 5 ta' Marzu 1979, fejn ukoll jinsabu citati b' approvazzjoni s-sentenzi fuq referenzjati. Ara wkoll is-sentenza recensjuri ta' din il-Qorti in re: "**Victor Anastasi *et* -vs- Nicholas Parnis England *et***", 28 ta' Marzu 2007

La dan huwa hekk il-kaz, l-unika inkombenza imposta mil-ligi fuq ix-xerrej hu dak li jipprova l-ezistenza tal-vizzju mohbi u dan fil-mument tal-kuntratt. Prova din li, kif enuncjat, "trid tkun tali li tikkonvinci lil gudikant u x-xerrej ma jistax jirpoza fuq ebda presunzjoni, lanqas fuq dik tal-qosor taz-zmien bejn il-bejgh u l-manifestazzjoni tad-difett" (**Kollez. Vol. XXXVII P II p 742**);

Fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti kienet sodisfatta minn din il-prova, tant li in kwantu ghal verifika u determinazzjoni taghha, is-socjeta` appellanti ma hassetx li kellha tikkontestaha bl-appell taghha. Hi, difatti, tillimita ruhha ghall-argoment illi l-ewwel Qorti kien messha hadet konsiderazzjoni ghal fini ta' l-ezami tar-riduzzjoni tal-prezz, mhux tal-mument tal-bejgh izda, ukoll, tal-qaghda pervenuta sentejn wara, fejn l-atturi appellati rcevew rizarciment taht il-polza ta' assigurazzjoni tal-vettura komprata;

Ghal Qorti dan l-argoment mhux accettabbli. L-ewwelnett, f' kuntratt ta' assigurazzjoni l-partijiet huma l-assigurat minn naha u l-assigurazzjoni minn naha l-ohra. Ta' l-

ewwel jassumi l-obbligu tal-pagament tal-*premia*. Tat-tieni, dik tal-prestazzjoni korrispettiva fl-event tas-sinistru. Is-socjeta` appellanti mhix il-beneficjarja u, allura, ghaliha il-kuntratt hu *res inter alios*. Minnu ma tistax tippretendi li tirrikava xi vantagg, billi, ad ezempju, tikkompara l-ammont ta' l-indenniz imhallas mill-assigurazzjoni mal-prezz tal-vettura. Il-wahda ma tistax tigi konfuza ma' l-ohra. Hawn hekk qeghdin fil-kamp tal-kuntratt ta' vendita u, jekk hemm bzonn jigi ripetut, il-*punctum temporis* ghall-ezami tat-talba attrici kif impustata u tar-riduzzjoni mitluba ghandu kollegament strett mal-mument tal-bejgh u tal-prezz miftiehem. Biex wiehed jigbed analogija mis-sentenza gja accennata a **Vol. XLI P II p 1198** xejn ma jiswa li in segwitu l-baqra li kienet marida, fieqet ladarba d-difett kien pre-ezistenti ghal bejgh. Similment, is-socjeta` appellanti ma tistax tiggjova ruhha minn dak li l-atturi rcevew minghand l-*insurance* taghhom u jekk b' dan il-hlas tqeghdux f' sitwazzjoni ahjar milli kienu. Tentattiv bhal dan mis-socjeta` appellanti biex *qua* venditrici tehles mill-obbligu tal-garanzija legali la jista' jigi ammess u lanqas jitqies lecitu;

Dan kollu qed jinghad biex jigi sottolinejat il-punt illi x' jigri wara l-bejgh fejn il-venditur ma jkunx ko-involt u c-cirkostanzi juru li kull hlas li x-xerrej seta' rceva minghand terzi ma ghandu ebda korrelazzjoni ma' l-istess bejgh, mhux ta' importanza ghall-ezami tal-kontrattazzjoni tal-bejgh, dik ta' l-accertament tal-vizzju fil-haga mibjugha, u dik tad-definizzjoni arbitrali ta' kemm, in raguni tad-difett, kellu jkun il-prezz reali ta' l-oggett vendut;

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------